**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 563/98**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Frans Micallef)**

**vs**

**Alfred Debono ta' 52 sena, iben Philip**
**u Giovanna nee FArrugia, mwieled Pieta'**
**fl-10 ta' Ottubru, 1946, u li joqghod**
**143, St Albert Street, Gzira,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**866546 (M).**

**Illum 11 ta' Settembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Alfred Debono li gie akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Settembru, 1998 fil-Gzira, ikkommetta serq ta' rubber dinghy u mutur tal-bahar tal-marka Yamaha 2HP, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, lok u valur ta' aktar minn Lm 100 izda inqas minn Lm 500.

Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li giet definittivament deciza fl-erbatax (14) ta' Mejju, 1997.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet il-provi migjuba, rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll ir-rinviju bl-artikoli li jaqraw 261 (c), (e), (f), 267, 270, 279, 280, 281, 334, 289, 49, 50, 20, 31, 533 tal-Kap 9.

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (a fol 88).

Rat ukoll li ghaddew diversi seduti, f'liema ma gara xejn, qabel ma fil-fatt l-akkuzat iddecieda li jirregistra l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi kif miguba kontra tieghu (seduta 19 ta' April, 2002).

Rat mill-ezami tal-atti li ma hemm ebda raguni ghala l-ammissjoni ma ghandhiex tigi accettata.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli hawn fuq imsemmija qed issib lill-akkuzat hati tar-reati tahthom ikkontemplati. Dwar il-piena rat il-fedina penali tal-akkuzat, rat ukoll dak li hu l-massimu tal-piena kkontemplata taht il-ligi ghar-reati taghhom misjub hati, rat ukoll il-fatt li hu ammetta fl-istadju gia msemmi kif ukoll fl-istadju bikru huwa rritorna r-res furtiva. Ikkonsidrat dana kollu tenut kont tal-emendi l-godda fil-kamp kriminali,

ghalhekk ghalkemm jidher li l-akkuzat mhux l-ewwel darba li kkommetta serq, pero' thoss li ghal din id-darba ta' l-ahhar ghandu jibbenefika kif premess u jigi kkundonat iva ghal piena karcerarja ta' tmintax-il xahar sospizi ghal tliet snin u dan wara li l-Qorti rat ukoll l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lil Alfred Debono r-responsabilitajiet tieghu u s-sinifikat ta' sentenza sospiza.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.